# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2774

Każ numru 3760/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn
Muhammed Amadou
(ID 45940A)

u

Ditta Mifsud & Grima

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Is-sur James Henry Pearsall**

**Illum : 1 ta' Novembru, 2021**

**Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat minn Muhammed Amadou lit-Tribunal Industrijali nhar il-21 ta' Mejju, 2019, fejn isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kienitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta), u kwindi tordna li l-istess Mifsud & Grima ihallsu dak kollu dovut lilu inkluz kumpens tat-telf li sofra minhabba l-agir illegali taghhom u dan skont il-Ligi tar-Relazzjonijiet Industrijali.

Min-naħa tad-Ditta Mifsud & Grima ma ghamlet l-ebda sottomissjonijiet.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

1. **Ir-rappreżentanza:**

Is-Sur  Muhammed Amadou li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent ser ikun rappreżentat mill-Avv.   Dr. Joseph Brincat .

Id- Ditta Mifsud & Grima li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata ser tkun rappreżentata mil-Avv. Carl Grech u mill-Avv.  Lennox Vella

2. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata f'Awissu tat-2017 u f'April 2019,  minghajr ebda raguni,  is-socjeta intimta naqset li taghti lir-rikorrenti dawk id-drittijiet mitluba mill-Ligi, bhal ma hija l-paga gusta ghas-sieghat li  kien jahdem kif ukoll dawk il-beneficcji ohra skont il-Ligi. Ma inghata l-ebda flus tan-notice ghaliex gie mkecci mal-ewwel minghajr ebda pre avviz.

**Il-lista ta' xhieda:**

**2.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent lista annetta mad-dikjarazzjoni tal-każ.

**2.2** Xhieda mressqa mis-soċjetà intimata ma kienitx mitluba.

3. **Il-lista ta' dokumenti:**

Ma kienx hemm dokumenti ipprezentati mill-partijiet.

4. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

Deher biss wiehed mid-diretturi tas-socjeta' intimata is-Sur Raymond Mifsud li qal li jisottometti ruhu ghall-possibilita'  ta'  tranzazzjoni ghal parti tieghu.

5. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

Wara  numru ta' seduti li fihom attendew kemm l-Avv. Carl Grech u l-Avv. Lennox Vella intweriet il-possibilta ta' tranzazzjoni li wara numru ta' seduti waslu ghal arrangamenti finali.

**7 Kunsiderazzjoniji tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali kkunsidra li d-Ditta Mifsud & Grima illum il-gurnata hija xolta. Id-Diretturi kienu Jesmond Micallef, Raymond Mifsud u John Paul Grima. Jesmond Micallef u Raymond Mifsud dehru u transigew il-kaz odjern fil-parti li tikkoncerna lilhom billi ghaddew l-ammont ta' 1,400 euro ( 700 euro kull wiehed) lir-rikorrent. Ir-rikorrent ceda l-kaz fil-konfront ta' Jesmond Micallef u Raymond Mifsud permezz ta' nota ta' cessjoni datata 7 ta' Lulju 2012 minghand l-Avv. Joseph Brincat.

Ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi biex jiddeciedi fuq il-parti tal-hlas li jikkoncerna lil John Paul Grima. Jirrizulta illi John Paul Grima ghalkemm notifikat ma deherx ghas-seduta ffisata u wisq inqas informa li ma setax jattendi.

L-ammont reklamat mir-rikorrent kien ta' (700 euro) liema ammont jirraprezenta (talba tal-kawza). Jirrizulta car li l-ammont kien dovut u dana stante li Jesmond Micallef u Raymond Mifsud hallsu it-talba taghhom.

L-ammont dovut minn John Paul Grima huwa ta' seba mitt euro (€700)

**Decizjoni:**

Ghal dawn il-mottivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jilqa it-talbiet tar-Rikorrent Mohammed Amadou.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet tra min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu, (€93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja